# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt

3/17

**Minuti tat-tielet laqgħa tas-sbatax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 9 ta' Marzu 2010, fis-6pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Mistieden: | Dr Richard Sladden | - | Avukat tal-Kunsill |
| Assenti: | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |

1.0 <u>Item 1: Talba</u>

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

**2.0 <u>Item 2: Qari u approvazzjoni tal-minuti</u>**

2.1 Il-minuti tas-16 ta' Frar 2010 (2/17) ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif koreġuti.

2.1.1 Issir korrezzjoni fin-numerazzjoni tal-minuti 2.1.1.

2.1.2 Addenda ma minuta 6.1.2: 'Is-Sur Camilleri żied li hu kien jgħin bil-parteċipanti ta' Baystreet'.

**3.0 <u>Item 3: Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti</u>**

3.1 F'dan l-istadju (6:05pm) is-Sur Camilleri daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

3.2 Minuta 3.3: Il-Kunsill irrifera għar-risposta tal-MT u qabel li jitlob għal communal un/loading bay bejn iż-żewġ stabbilimenti.

Is-Sur Sultana ilmenta dwar il-fatt li l-MT għamlet un/loading bay fi Triq il-Ferrovija eżatt quddiem Muscat Flora meta suppost kellha tiġi communal li sservi għall-istabbilimenti kollha tal-viċin. Twaħħlu wkoll tabelli biex ma jipparkjawx vetturi kbar. Il-Kunsill innota li dawn saru mill-MT mingħajr konsultazzjoni dwar il-post. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li jistaqsi jekk l-MT għandiex poteri aktar mill-Kunsill biex isiru tabelli u marki fil-konfini tagħna kemm f'toroq arterjali kif ukoll dawk distributorji.

3.3 Is-Sur Anastasi talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Kunsill jitratta l-ewwel xogħol tal-Ordnijiet tal-Ġurnata. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

3.4 F'dan l-istadju (6:22pm) is-Sur Formosa daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

4.0 Item 8: Ordnijiet tal-Ġurnata

*Kwistjoni fuq ir-restawr tal-Akwidott u l-pavimentar ta' taħtu – Avv Richard Sladden*

L-avukat Sladden qal li l-Kunsill għandu tlett toroq jew (1) joffri pagament b'tnaqqis ta' €1,500 u jekk ma jaċċettawx il-flus ikunu depositati l-Qorti jew (2) iħallas l-ammont sħieħ, issir manutenzjoni tal-madum imkisser mit-Taqsima tax-Xogħlijiet u l-Kunsill ma jaċċettax il-manutenzjoni jew (3) li ssir laqgħa bejn il-partijiet kollha. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jmur għat-tieni proposta.

5.0 Item 3: Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti

5.1 Minuta 5.0: Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li kiteb lill-Awditur Generali, irċieva direttiva mingħand id-Direttur tad-Dipartiment Gvern Lokai biex jikteb direttament lill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

Is-Sur Sultana talab li jara l-istatements tal-banek. Is-Sindku infurmatu li dawn kienu għadhom ma waslux. Is-Sur Sultana staqsiha jekk ordnatomx bil-fomm jew bil-kitba. Is-Sindku wieġbet li bil-fomm. Għalhekk, il-Kunsill insista li s-Sindku titlobhom bil-miktub.

Is-Sur Anastasi staqsa għaliex l-istatements ma intalbux mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma setax jagħmel dan għax hu mhux firmatarju tal-kont inkwistjoni. Is-Sur Anastasi staqsa għaliex is-Segretarju Eżekuttiv mhux firmatarju ta' dan il-kont ġaladarba hu kont tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-fond ma jiffurmax parti mill-kotba tal-Kunsill. Is-Sur Anastasi talab li jekk il-kont mhux ikkontrollat mill-Kunsill jingħalaq u talab li l-Kunsill jingħata direttiva bill-miktub dwar dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li r-rapport tiegħu ma kienx jikkonċerna l-Fond imma l-każ tal-lezzjonijet tal-privat. Il-każ tal-Fond ħareġ mir-risposta tas-Sindku.

Is-Sur Formosa staqsa għaliex il-Kunsill approva €100 lill-Community Chest Fund u imbagħad ġew ippreżentati aktar. Is-Sindku qalet li hi rċeviet u iddepositat fil-Fond żewġ ċekkijiet ta' €300 –il wieħed minn individwi li xtaqu jibqgħu anonomi u li kienu indirizzati lill-Community Chest Fund. Qalet ukoll li ddepositat fil-Fond €100 oħra li €80 minnhom ingħataw lilha mis-Sur Jonathan Borg u €20 ħarġithom hi biex l-ammont jiġi tond. Hi qalet ukoll li fl-Istrina lill-President tagħtu €600 mill-Fond u €300 kontanti li ġabret minn individwi u għaqdiet b'total ta' €900.

Is-Sur Sultana qal li s-Sindku qatt ma kellha awtorizzazjoni mill-Kunsill biex tuża il-Fond b'dan il-mod. Qal ukoll li allura l-€100 approvati mill-Kunsill qatt ma tħallsu lill-Community Chest Fund. Is-Sindku ikkonfermat.

5.2 Minuta 6.1.2: Fuq mistoqsija tas-Sur Formosa, is-Sindku qalet li mill-aħħar laqgħa s'issa għada ma rċevietx flus oħra minn donazzjoniet.

Is-Sur Sultana tkellem dwar l-iskema tal-isports u filwaqt li ddikjara li hu mhux kontra din l-inizjattiva, talab lis-Sindku tagħtih garanzija li l-Kunsill ma kienx se joħroġ bi żbilanċ bħal ma ġara f'attivitajiet oħra. Dan apparti li hu xtaq ikun infurmat waqt laqgħa mill-Kunsillier li applika u mhux b'telefonata. Is-Sindku qalet li l-Kunsill mhux beħsiebu jonfoq aktar minn €1500 cioe l-għotja biss.

5.3 Minuta 9.2: Is-Segretarju Eżekuttiv infoma lill-Kunsill li l-Greenpak lesti jħallsulna d-depositu huma ġaladarba nibqgħu bil-bring in sites tal-Wastesev. Is-Sinjuri Anastasi u Sultana ippreżentaw riżoluzzjoni speċjali bill-miktub biex tbiddel id-deċiżjoni tal-aħħar laqgħa. Din ir-riżoluzzjoni speċjali kienet sekondata mis-Sur Bugeja. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4 Minuta 9.3: Is-Sindku qalet li l-Kunsill bagħat l-istima tal-periti għar-rigward ta' wiċċ it-triq, stima tat-tabelli u sinjali tat-traffiku u street furniture u stima oħra għal tisbieħ bi fjuri etc li b'kollox jammontaw aktar minn €200,000. Qalet ukoll li għada issejħet laqgħa dwar dan is-suġġett.

Is-Sindku ipproponiet spiża ta' €20,000 sabiex jintnefqu mill-Kunsill bħala spiża addizzjonali mill-Kunsill għal dan l-avveniment. Din il-proposta ma ġietx sekondata. Allura s-Sindku irtirat il-proposta oriġinali u pproponiet li l-ispiża tinżel għal daqs l-ammont mogħti mill-Gvern Ċentrali. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Sultana. Il-proposta għaddiet b'erba' voti favur (is-Sindku u s-Sinjuri Sultana, Bugeja u Formosa) u żewġ astensjonijiet (is-Sinjuri Anastasi u Camilleri).

6.0 Item 4: Korrispondenza

6.1 Il-Kunsill tratta din il-korrospondenza:

6.1.1 Philip Pace re: Danger Zone. Il-Kunsill qabel li jdur ma B.Grima & sons Ltd u jara x'nuqqasijiet jista jtejjeb.

6.1.2 Enemalta re: Kwotazzjoni għal tneħħija ta' belishia lights minn Triq il-Kanun għal Triq Misraħ il-Barrieri. Il-Kunsill qabel pero innota li f'Misraħ il-Barrieri jistgħu jsiru brackets minħabba l-wisa tal-bankina.

6.1.3 GRTU re: Laqgħa. Il-Kunsill qabel li jiltaqa xi darba filgħodu.

7.0 Item 5: Rapporti

7.1 Il-Kunsill ma kellu ebda kumment fuq ir-rapport tal-Contrats' Manager għax-xahar ta' Frar 2010 li tqassam aktar kmieni.

8.0 Item 6: Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni)

8.1 L-iskeda għal *cheque payments* (17 ta' Frar 2010 sad-9 ta' Marzu 2010) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sinjuri Sultana u Formosa.

8.2 Tqassmet ukoll *schedule of receipts* (5 ta' Frar 2010 sas-26 ta' Frar 2010).

9.0 Item 7: Ilmenti

10.1 Il-Kunsill tratta dawn l-ilmenti

10.1.1 (219): Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv jivverifika mal-permess u jordna x-xogħol
10.1.2 (220): Il-Kunsill qabel li isiru vleġeġ kbar mal-art.
10.1.3 (221): Il-Kunsill ma qabilx.
10.1.4 (222): Il-Kunsill innota li dan l-ilment ġie trattat f'laqgħat preċedenti.
10.1.5 (223): Il-Kunsill ma qabilx peress li x-xogħol ilu li sar żmien.
10.1.6 (224): Il-Kunsill innota li diħa hemm.
10.1.7 (225): Il-Kunsill qabel li jneħħi dawk il-flaps li tqaċċtu.
10.1.8 (226): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
10.1.9 (227): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
10.1.10 (228): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
10.1.11 (229): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd sabiex jirranga b'tali mod li jsiru parking bays ta' karozzi.
10.1.12 (230): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
10.1.13 (231) Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Central Asphalt Ltd.
10.1.14 (232): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd quddiem 3 garaxxijiet.
10.1.15 (233): Il-Kunsill ma qabilx.
10.1.16 (234): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Central Asphalt Ltd inkluż ħofor fi Triq Carini.
10.1.17 (235): Il-Kunsill ma qabilx.
10.1.18 (236): Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra.
10.1.19 (237): Il-Kunsill qabel li jinforma lil min għamel l-ilment li diġa rrapurtat.
10.1.20 (238): Il-Kunsill ma qabilx.
10.1.21 (239): Il-Kunsill innota li l-ilment jikkonċerna l-lokalita tal-Ħamrun apprti li diġa hemm.

10.2 Feedback (200): Il-Kunsill innota li diġa kien hemm bin mal-iskola u tneħħa wara ilment mill-Iskola stess. Issa jekk isir ieħor in-naħa tal-GO hemm jiġI Birkirkara filwaqt li jekk taghmlu fejn il-lights jiġi bla użu.

10.3 Is-Sur Sultana ilmenta dwar highups minn Triq it-Turretta. Il-Kunsill qabel li x-xogħol għandu jinqasam ma Triq l-Imsida. Is-Sur Sultana allega li l-iskart fis-soft area qed jintefa mill-ħaddeima li qed jaħdmu fl-imsemmi binja.

11.0 <u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

***Kwotazzjoni Patt tas-Sindki – Aġġudikazzjoni***

Is-Segretarju Eżekuttiv għamel refernza għall-iskeda tal-offerti u qal li l-offerta numru 3 ma tistax tiġi kkunsidrata mill-Kunsill għax tmur oltre l-limitu ta' kwotazzjoni.

Is-Sur Anastasi qal li l-aħjar li l-Kunsill ma jagħmel xejn minn dan iżda jara x'għamlu Kunsilli Lokali oħra u nimitawhom.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jmur il-MEUSEC għal parir u jitlob lil min tefa l-offerti biex jagħti preżentazzjoni qasira lill-Kunsill.

11.1 Peress li kienu saru d-9pm u allura għaddew il-massimu ta tlett siegħat stipulati mil-liġi, il-laqgħa intemmet u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Marzu 2010 fis-6pm għat-tkomplija tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 6 ta' April 2010 | Chairperson |